

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11738/26

STAT 8
FIN 1044

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 349 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL rapport 2019-2024 dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni tal-qgħad għall-eks persunal temporanju jew persunal kuntrattwali u l-assistenti parlamentari li jsibu ruħhom qiegħda wara t-tmiem tas-servizz tagħhom fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 349 final.

Mehmuż: COM(2026) 349 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2026
COM(2026) 349 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**rapport 2019-2024 dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni tal-
qgħad għall-eks persunal temporanju jew persunal kuntrattwali u l-assistenti
parlamentari li jsibu ruħhom qiegħda wara t-tmiem tas-servizz tagħhom fi ħdan
istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport tal-2019-2024 dwar il-qagħda finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-eks membri tal-persunal temporanju jew tal-persunal bil-kuntratt u l-assistenti parlamentari li jsibu ruħhom qiegħda wara t-tmiem tas-servizz tagħhom fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea

1. Informazzjoni ta' sfond.....	2
1.1 Struttura tar-rapport	2
2. Qafas Regolatorju	4
2.1 Qafas Legali	4
2.2 Deskrizzjoni tal-iskema.....	4
3. Il-Qagħda Finanzjarja u l-Bilanċ tal-Flus Kontanti tal-Fond tal-Qgħad 2019-2024	5
3.1 Bilanċ tal-flus kontanti: riżultati operattivi u bilanċi akkumulati 2019-2024.....	6
Evoluzzjoni tal-Kontijiet Kurrenti u ta' Investiment.....	7
3.2 Pożizzjoni finanzjarja: riżultati operattivi 2019-2024.....	7
3.3 Riżultat Operattiv 2019-2024.....	8
3.4 Pożizzjoni finanzjarja: analiżi tan-nefqa u tad-dħul.....	9
4. Analiżi tal-persuni assicurati, il-benefiċjarji u l-allowances imħallsa	10
4.1 Aspetti metodoloġiċi	10
4.2 Għadd ta' persuni assicurati	10
4.3 Għadd ta' benefiċjarji tal-iskema tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad u l-“proporzjon tal-qgħad”	11
4.3.1 Għadd ta' benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad	11
4.3.2 Proporzjon tal-qgħad tal-Istituzzjonijiet tal-UE	13
4.4 Ħarsa ġenerali lejn il-benefiċċju tal-qgħad u d-durata tiegħu	16
4.4.1 Numru ta' benefiċċji tal-qgħad imħallsa ta' kull xahar	16
4.4.2 Durata tal-Perjodu ta' Pagament.....	17
4.5 Distribuzzjoni tal-qgħad għal kull pajjiż.....	18
5. Konklużjonijiet.....	20
5.1 Il-perjodu 2019-2024.....	20
5.2 Perspettivi tal-Fond għall-Qgħad fuq terminu qasir u medju.....	20

1. Informazzjoni ta' sfond

F'konformità mal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra (CEOS), il-benefiċċju tal-qgħad huwa maħsub għal eks Aġenti Temporanji (TAs), Aġenti Kuntrattwali (CAs), jew Assistenti Parlamentari Akkreditati (APAs) li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' qgħad involontarju (eskluż, pereżempju, persunal li rriżenja) wara t-terminazzjoni tas-servizz tagħhom ma' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, skont it-tifsira tal-Artikolu 1a u 1b tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea¹. Dan il-benefiċċju tal-qgħad huwa komplementari għal kwalunkwe benefiċċju tal-qgħad nazzjonali li jirċievi l-eks membru tal-persunal.

Dawn il-benefiċċji huma ffinanzjati mill-Fond ta' kontra l-Qgħad ("il-Fond"), li huwa stess huwa ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal kopert mis-CEOS (li huma benefiċjarji potenzjali) u mill-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddimhom.

Skont l-Artikolu 28a(11) u l-Artikolu 96(11) tas-CEOS, kull sentejn, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad. Sabiex ikun aktar faċli li l-evoluzzjoni tal-Fond tiġi traċċata, il-Kummissjoni dejjem tagħmel dan ir-rapport bi-annwali b'perjodu ta' referenza ta' 5 snin. Ir-rapport preċedenti kopra l-perjodu mill-2017-2022 u l-perjodu ta' referenza għal dan ir-rapport huwa mill-2019-2024.

1.1 Struttura tar-rapport

Wara sommarju qasir tal-punti ewlenin tar-rapport, it-Taqsima 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-iskema tal-qgħad kif ukoll ir-referenzi legali rilevanti.

It-Taqsima 3 tiffoka fuq l-aspetti finanzjarji tal-Fond matul il-perjodu ta' referenza u tenfasizza l-evoluzzjoni tad-dħul, tan-nefqa kif ukoll il-bilanċ kumulattiv.


It-Taqsima 4 tanalizza l-aspetti demografiċi tal-membri u tal-benefiċjarji tal-iskema u karatteristiċi ewlenin oħra bħad-durata tal-perjodu tal-ħlas u ħarsa ġenerali lejn id-distribuzzjoni tar-residenza.

Ir-rapport jikkonkludi b'xi kunsiderazzjonijiet għall-futur.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 124, 27.4.2004, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/723/oj>.

Punti ewlenin bejn l-2019 u l-2024:


Tqabbil tal-kontijiet 2019 - 2024




Ir-riżervi tal-Fond żdiedu matul il-perjodu ta' rapportar, u fl-aħħar tal-2024 laħqu 'l fuq minn EUR 106 miljun, minn madwar EUR 31 miljun fl-2019.



Membri u Benefiċjarji fil-31.12



medja tal-ammont tal-benefiċċju u l-għadd ta' benefiċċji mħallsa



In-numru ta' **membri** żdied għal aktar minn 36 689 (żieda ta' 33 % meta mal-2019). Fl-istess ħin il-**benefiċjarji** naqsu b'terz għal 754.

2. Qafas Regulatorju

2.1 Qafas Legali

Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-benefiċċju tal-qgħad għall-persunal temporanju huma stabbiliti fl-Artikolu 28a tas-CEOS² u fl-Artikolu 5 tal-Anness tiegħu.

Ir-regoli korrispondenti għall-persunal kuntrattwali huma stabbiliti fl-Artikolu 96 tas-CEOS³.

Id-dispożizzjonijiet tekniċi relatati mal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jinsabu fl-Artikoli 135 u 136 tas-CEOS.

L-aġġornament tar-remunerazzjoni u tal-ammonti finanzjarji relatati, inkluż il-benefiċċju kontra l-qgħad, huwa regolat mill-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dettaljati għall-iskema tal-benefiċċju kontra l-qgħad huma stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 780/2009⁴.

L-arranġamenti proċedurali għall-għoti ta' benefiċċji kontra l-qgħad lill-persunal temporanju huma stabbiliti fir-Regoli tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 1988 li jimplimentaw l-Artikolu 28a(10) tas-CEOS⁵.

2.2 Deskrizzjoni tal-iskema

Kif imsemmi fil-Kapitolu 1, il-benefiċċju tal-qgħad huwa maħsub għal eks Aġenti Temporanti, Aġenti Kuntrattwali, jew Assistenti Parlamentari Akkreditati li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' qgħad involontarju wara t-terminazzjoni tas-servizz tagħhom ma' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan il-benefiċċju tal-qgħad huwa komplementari għal kwalunkwe benefiċċju tal-qgħad nazzjonali li jirċievi l-eks membru tal-persunal.⁶

Il-benefiċċjarji huma intitolati għal 60 % tal-aħħar salarju bażiku fl-ewwel 12-il xahar, li jonqos għal 45 % fit-12-il xahar ta' wara u għal 30 % fl-aħħar 12-il xahar. Huwa biss mill-bidu tas-7 xahar li l-benefiċċji tal-qgħad għandhom limitu massimu.

Mill-aħħar rapport ippubblikat fil-bidu tal-2024 li analizza s-sitwazzjoni sal-2022, il-kontribuzzjoni tal-qgħad tal-persunal rilevanti tnaqqset. Fil-fatt, wara l-konklużjonijiet tal-

² L-Artikolu 28a tas-CEOS kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013, ĠU L 287, 29.10.2013, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1023/oj>.

³ L-Artikolu 96 tas-CEOS kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013, ĠU L 287, 29.10.2013, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1023/oj>.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 780/2009 tas-27 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 28(a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej (S.H.O.) ĠU L 226, 28.8.2009, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/780/oj>.

⁵ Ir-Regoli tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 1988, wara li ġie rreġistrat ftehim komuni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fl-4 ta' Lulju 1989, li jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-għoti tal-allowance tal-qgħad lill-membri tal-persunal temporanju, li jimplimentaw l-Artikolu 28a(10) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

⁶ Ir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, emendat il-bażi legali li tirregola l-eliġibbiltà għall-iskema ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad u r-regoli dwar il-pagament tal-kontribuzzjonijiet għall-iskema li kienu japplikaw sa mill-1985. Riforma oħra li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2014 estendiet it-tul massimu tal-kuntratt tal-Aġenti Kuntrattwali.

aħħar rapport ⁷ – li ppreveda żieda fir-riżervi tal-Fond - il-Kummissjoni aġġustat il-kontribuzzjoni għall-iskema tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad permezz ta' Regolament Delegat⁸. Ir-rata l-ġdida tal-kontribuzzjoni tal-qgħad għall-persunal temporanju u kuntrattwali hija ta' 0,51 %. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni l-ġdida tal-Istituzzjonijiet rilevanti tnaqqset minn 1,62 % għal 1,02 %. Peress li l-bidla fir-rata tal-kontribuzzjoni tal-qgħad ma hijiex parti mill-kamp ta' applikazzjoni temporali ta' dan ir-rapport, jiġifieri r-Regolament Delegat ma daħalx fis-seħħ sa tmiem l-2024, l-effetti tiegħu se jiġu vvalutati fir-rapport li jmiss li jkopri l-perjodu tal-2021 – 2026.

Matul il-kamp ta' applikazzjoni temporali tar-rapport, il-Fond kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet miġbura mill-persunal kuntrattwali, temporanju u tal-APA u mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li kienu jimpjegawhom, u li ammontaw għal 0,81 % u għal 1,62 % rispettivament tas-salarju bażiku.

Il-benefiċċju standard u l-ammonti massimi u minimi pagabbli jiġu aġġornati bl-istess mod bħar-remunerazzjoni u f'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Kwalunkwe benefiċċju tal-familja dovut jitħallas flimkien mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-kontribuzzjoni għar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard (JSIS) tal-Unjoni Ewropea (5,1 % tas-salarju bażiku ta' referenza tal-persuna qiegħda) titħallas mill-iskema ta' assicurazzjoni kontra l-qgħad. Kwalunkwe benefiċċju soċjali riċevut fil-livell nazzjonali (benefiċċji tal-qgħad, allowances tal-familja, benefiċċji tal-mard, benefiċċji tat-twelid, eċċ.) jitnaqqas.

3. Il-Qagħda Finanzjarja u l-Bilanċ tal-Flus Kontanti tal-Fond tal-Qgħad 2019-2024

Fatti ewlenin:

- 1) **Il-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond fl-2024** irreġistrat riżervi aggregati ta' aktar minn EUR 106 miljun, li jikkonsistu f'EUR 27 miljun fil-kont kurrenti u aktar minn EUR 79 miljun fil-kont tal-investment. Dan jirrappreżenta tkabbir ta' 243 % meta mqabbel mal-2019.
- 2) **In-nefqa** matul l-aħħar xhur tal-2024 uriet żieda kkawżata minn intensifikazzjoni fil-benefiċjarji fost l-APAs minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024. Fir-rigward tal-2019, kien hemm żieda ta' 10 % li laħqet EUR 29 miljun fl-2024.
- 3) **Iċ-ċifri tal-kontribuzzjonijiet** irreġistraw żieda stabbli. Fir-rigward tal-2019, kien hemm żieda ta' 65 % li laħqet aktar minn EUR 48 miljun fl-2024.
- 4) **Ir-Riżervi tal-Fondi** taw aktar minn EUR 4 miljun fl-2022 u fl-2023.
- 5) **Analiżi skont l-istituzzjonijiet:** Madwar 90 % tan-nefqa u tal-kontribuzzjoni totali tal-Iskema huma kontabbilizzati mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u mill-Aġenziji. Din baqgħet stabbli matul il-perjodu ta' rapportar.

⁷ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-2017-2022 dwar il-qagħda finanzjarja tal-iskema ta' assicurazzjoni kontra l-qgħad għall-eks persunal temporanju jew persunal kuntrattwali u l-assistenti parlamentari li jsibu ruħhom qiegħda wara t-tmiem tas-servizz tagħhom fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea (COM(2024) 54 tas-6 ta' Frar 2024).

Din it-taqsimha tippreżenta żviluppi fil-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond, b'mod partikolari d-dħul u n-nefqa tiegħu, kif ukoll l-evoluzzjoni tar-riżervi tal-Fond.

Il-Fond juża żewġ strumenti ta' ġestjoni għad-dħul u għan-nefqa tiegħu:

- kont kurrenti li jinsab fi Brussell mal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Indivdwal (PMO), li jiġbor mingħand il-persunal kuntrattwali, temporanju u tal-APA u l-istituzzjonijiet u l-Aġenziji rispettivi tagħhom il-kontribuzzjonijiet ta' kull xahar u jħallas kemm il-benefiċċju tal-qgħad kif ukoll il-kontribuzzjoni rispettiva tal-JSIS.
- kontijiet ta' investment li jinsabu fil-Lussemburgu ġestiti mid-DĠ BUDG.

3.1 Bilanċ tal-flus kontanti: riżultati operattivi u bilanċi akkumulati 2019-2024

Taħt il-kontabilità bbażata fuq il-flus kontanti, it-tranżazzjonijiet jiġu rreġistrati biss meta jkun seħħ dħul jew ħruġ ta' flus matul il-perjodu ta' analiżi partikolari u jiġi rrapportat b'mod akkurat l-ammont ta' flus ittrasferit/riċevut tabilħaqq f'perjodu partikolari. It-Tabella 1 tagħti sommarju tad-dħul u tal-infiq kif imdaħħla fil-kontijiet u l-bilanċ kurrenti li jirriżulta⁹.

Tabella 1 – Fond għall-Qgħad – Bilanċ tal-Flus – Riżultati Operattivi (2019-2024)

Deskrizzjoni		2019 EUR	2020 EUR	2021 EUR	2022 EUR	2023 EUR	2024 EUR
A. Nefqa							
1. Benefiċċju tal-qgħad	a	24.799.099,64	31.337.400,94	23.663.156,87	19.875.373,02	21.771.651,78	29.356.864,54
2. Kontribuzzjonijiet lill-JSIS	b	2.013.936,61	1.466.468,10	-	-	-	-
Nefqa totali	d=Σa-c	26.813.036,25	32.803.869,04	23.663.156,87	19.875.373,02	21.771.651,78	29.356.864,54
B. Dħul							
1. Kummissjoni Ewropea	e	7.025.650,91	7.432.478,53	7.873.354,00	9.021.576,14	9.962.294,82	11.189.510,00
2. Parlament Ewropew	f	4.078.688,97	4.219.155,81	4.569.046,60	5.156.115,74	5.637.489,90	5.991.603,91
3. Ombudsman Ewropew	g	40.137,47	40.680,65	42.182,04	44.033,53	51.463,82	50.679,47
4. Kunsill	h	259.888,53	329.439,25	399.749,41	521.080,80	591.789,21	638.356,64
5. Qorti tal-Ġustizzja	i	1.164.182,86	1.353.574,43	1.410.446,04	1.538.584,20	1.625.590,32	1.726.565,19
6. Qorti tal-Awdituri	j	301.432,53	311.363,01	349.950,20	369.832,01	430.878,54	455.122,83
7. Kumitat Ekonomiku u Soċjali	k	115.842,48	118.175,34	128.369,83	163.573,18	184.681,03	212.089,49
8. Kumitat tar-Reġjuni	l	126.921,93	151.801,78	152.707,32	170.359,48	201.664,02	232.525,91
9. SEAE	m	1.199.396,42	1.245.571,20	1.376.053,89	1.542.352,35	1.625.815,83	1.730.926,13
10. EDPS	n	25.463,38	25.463,38	37.579,91	67.673,31	57.449,82	64.300,76
11. Aġenziji	o	15.201.144,99	16.296.954,60	18.370.540,46	21.293.335,50	23.678.870,72	26.414.720,50
Dħul totali	p=Σe-o	29.513.287,09	31.524.657,98	34.709.979,70	39.888.516,24	44.047.988,03	48.706.400,83
C. Korrezzjonijiet kontabbli	q					260,61	
D. Riżultat Operattiv	r=p-d	2.700.250,84	-1.279.211,06	11.046.822,83	20.013.143,22	22.276.596,86	19.349.536,29

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/101 tas-27 ta' Novembru 2024 li jaġġusta l-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament tal-Fond Speċjali tal-Qgħad stabbiliti skont l-Artikoli 28a u 96 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ ta' Aġenti Oħra, ĠU L, 2025/101, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/101/oj.

⁹ Għal skopijiet ta' informazzjoni, il-kontribuzzjonijiet tal-JSIS fl-2021 ammontaw għal EUR 1 636 067,14 u fl-2022 għal EUR 1 209 776,99, ċifri diġà inklużi fil-linja tal-benefiċċju tal-qgħad. Għal dawn l-aħħar sentejn, id-data ma għadhiex tiġi ppreżentata separatament minħabba li issa dawn il-kontribuzzjonijiet jitħallsu fl-istess ħin mal-komponenti l-oħrajn tal-benefiċċju tal-qgħad (aktar minn 15) u ma jikkostitwux element separat, imħallas permezz ta' proċedura manwali.

Evoluzzjoni tal-Kontijiet Kurrenti u ta' Investiment

Minbarra l-kont kurrenti li jipprovdi l-likwidità ta' kuljum u jimmaniġġa t-tranżazzjonijiet tal-benefiċjarji u tal-istituzzjonijiet rilevanti, fuq il-portafoll, il-Fond alloka daww il-fondi li kurrentament ma humiex meħtieġa għall-obbligi tiegħu, u li huma investiti taħt il-ġestjoni tad-DĠ BUDG.

Fl-analiżi tal-kontijiet tal-Fond, l-evoluzzjoni ewlenija li seħħet matul l-aħħar 5 snin kienet it-trasferiment ta' EUR 75 miljun fl-2023 mill-kont kurrenti għall-kont tal-portafoll. Dawn ir-riżervi inizjalment ġew investiti f'kontijiet tat-tfaddil fuq terminu fiss b'rendiment ta' madwar EUR 3-4 % fis-sena, madwar EUR 900 000 fl-2023 u EUR 3,2 miljun fl-2024.

Tabella 2 – Fond għall-Qgħad – Bilanċ tal-Flus (Żvilupp tal-bilanċ kumulattiv 2019-2024)

Deskrizzjoni		2019 EUR	2020 EUR	2021 EUR	2022 EUR	2023 EUR	2024 EUR
I. Kont kurrenti							
A. Riżultat Operattiv	a	2 700 250,84	-1.279.211,06	11 046 822,83	20 013 143,22	22 276 596,86	19 349 536,29
B. Bilanċ tal-kont kurrenti fl-01/01	b	27 970 008,68	30 670 259,52	29 391 048,46	40 437 871,29	60 451 014,51	7 727 611,37
C. Investiment tas-surplus għal terminu ta' żmien Irkupru ta' investimenti (+)	c					-75.000.000,00	
	c						
D. Bilanċ tal-kont kurrenti fil-31/12	d=a+b+c	30 670 259,52	29 391 048,46	40 437,871,29	60 451 014,51	7 727 611,37	27 077 147,66
II. Investimenti għal terminu ta' żmien							
E. Investimenti finanzjarji fl-01/01	e	22 092,20	22 092,20	22 092,20	22 092,20	22 158,52	75 917 600,46
F. Pagamenti mill-kont kurrenti (+) u għal (-)	f					75 000 000	
G. Imgħax bankarju	g				66,32	895 441,94	3 270 157,26
H. Operazzjonijiet Bankarji	h						
E. Investimenti finanzjarji fil-31/12	i=e+f	22 092,20	22 092,20	22 092,20	22 158,52	75 917 600,46	79 187 757,72
III. Riżervi akkumulati	j=d+i	30 692 351,72	29 413 140,66	40 459 963,49	60 473 173,03	83 645 211,83	106 264 905,38

It-Tabella 3 turi l-bilanċ akkumulat tal-Fond f'verżjoni aktar konċiża. Il-kont kurrenti beda u temm il-perjodu ta' rapportar f'livelli simili ta' madwar EUR 27 miljun, filwaqt li t-taqsima tal-Investimenti għaddiet minn madwar EUR 22 000 għal aktar minn EUR 79 miljun.

Tabella 3 – Fond għall-Qgħad - Bilanċ Kumulattiv (2019 – 2024)

Deskrizzjoni	2019 EUR	2020 EUR	2021 EUR	2022 EUR	2023 EUR	2024 EUR
Kont kurrenti	30 670 259,52	29 391 048,46	40 437,871,29	60 451 014,51	7 727 611,37	27 077 147,66
Investimenti	22 092,20	22 092,20	22 092,20	22 158,52	75 917 600,46	79 187 757,72
Total	30 692 356,72	29 413 145,66	40 459 963,49	60 473 173,03	83 645 211,83	106 264 905,38

3.2 Pożizzjoni finanzjarja: riżultati operattivi 2019-2024

Fil-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti, it-tranżazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-kontijiet fil-mument meta tkun dovuta l-kontribuzzjoni għall-Fond jew meta jkun dovut il-pagament tal-benefiċċju tal-qgħad. Dan iwassal għal xi diskrepanzi mal-kontabilità bbażata fuq il-flus kontanti peress li xi kontribuzzjonijiet riċevuti fil-bidu tas-sena N ikopru perjodi ta' attività fi tmiem is-sena N-1 jew xi ammonti mħallsa fil-bidu tas-sena N ikopru perjodi ta' qgħad fi tmiem is-sena N-1.

Tabella 4 – Fond tal-Qgħad – Sitwazzjoni Finanzjarja – Riżultati Operattivi (2019-2024)

Deskrizzjoni		2019 EUR	2020 EUR	2021 EUR	2022 EUR	2023 EUR	2024 EUR
A. Nefqa							
1. Benefiċċju tal-qgħad	a	23.264.951,63	30.572.441,37	23.477.999,25	19.946.600,45	21.755.821,42	30.924.110,75
2. Kontribuzzjonijiet għall-JSIS	b	2.013.936,61	1.466.468,10	-	-	-	-
Nefqa totali	d=a+b	25.278.888,24	32.038.909,47	23.477.999,25	19.946.600,45	21.755.821,42	30.924.110,75
B. Dħul							
1. Kummissjoni Ewropea	e	7.025.650,91	7.432.478,53	7.873.354,00	9.021.576,14	9.962.158,69	11.189.510,00
2. Parlament Ewropew	f	4.078.688,97	4.219.155,81	4.569.046,60	5.156.115,74	5.637.391,21	5.991.603,91
3. Ombudsman Ewropew	g	40.137,47	40.680,65	42.182,04	44.033,53	51.463,82	50.679,47
4. Kunsill	h	259.888,53	329.439,25	399.749,41	521.080,80	591.778,17	638.356,64
5. Qorti tal-Ġustizzja	i	1.164.182,86	1.353.574,43	1.410.446,04	1.538.584,20	1.625.359,85	1.726.565,19
6. Qorti tal-Awdituri	j	301.432,53	311.363,01	349.950,20	369.832,01	430.878,54	455.122,83
7. Kumitat Ekonomiku u Soċjali	k	115.842,48	118.175,34	128.369,83	163.573,18	184.681,03	212.089,49
8. Kumitat tar-Reġjuni	l	126.921,93	151.801,78	152.707,32	170.359,48	201.664,02	232.525,91
9. SEAE	m	1.199.396,42	1.245.571,20	1.376.053,89	1.542.352,35	1.625.790,74	1.730.923,66
10. EDPS	n		25.463,38	37.579,91	67.673,31	57.449,82	64.300,76
11. Aġenziji	o	15.201.144,99	16.296.954,60	18.370.540,46	21.293.335,50	23.667.494,02	26.414.327,70
Dħul totali	p=Σe-o	29.513.287,09	31.524.657,98	34.709.979,70	39.888.516,24	44.036.109,91	48.706.005,56

3.3 Riżultat Operattiv 2019-2024


Matul dawn l-aħħar snin, ir-riżultat operattiv tal-Fond wera ċifri solidi u l-gwadanni medji matul il-perjodu ta' referenza kienu ta' madwar EUR 12-il miljun fis-sena bl-aħħar 3 snin ikunu madwar EUR 20 miljun. Minħabba din id-dinamika, ir-riżervi akkumulati laħqu aktar minn EUR 106 miljun fi tmiem l-2024, u dan jimmarka żieda ta' aktar minn 243 % fir-rigward tat-EUR 30 miljun tal-2019.

Iċ-ċikliċità magħrufa sew fin-nefqa, li wasslet għal intensifikazzjoni temporanja f'APAs qiegħda, ikkontribwiet għaż-żieda fin-nefqa fl-2024. Madankollu, matul dik is-sena, ġie osservat defiċit matul ix-xahar ta' Ottubru biss, għal valur ta' EUR 600 000. Il-kont kurrenti fi tmiem l-2024 kellu EUR 27 miljun, li, flimkien ma' madwar EUR 78 miljun fil-portafoll, jipprovdi lill-iskema b'riżerva ta' likwidità li tillimita d-defiċits potenzjali fl-2025 ikkawżati min-numru ta' APAs qiegħda.

Fl-analiżi tal-evoluzzjoni tad-dħul matul dawn l-aħħar 5 snin, il-perjodu tal-2019-2024 irreġistra żieda medja annwali ta' 10 %, aċċellerazzjoni żgħira mal-medja tar-rapport preċedenti (2017-2022) meta ġiet irreġistrata żieda medja ta' madwar 9 %. Fl-2024, id-dħul totali ammonta għal aktar minn EUR 48 miljun.

L-evoluzzjoni tan-nefqa matul l-aħħar 5 snin, wara tnaqqis fl-2021 u fl-2022, reġgħet żdiedet bi kważi 9 % fl-2023 u b'aktar minn 34 % fl-2024 u laħqet kważi EUR 30 miljun, livell li huwa madwar 10 % ogħla mill-2019, iżda inqas mill-ogħla livell ta' EUR 32 miljun esperjenzat fl-2020.

Fig. 3.3.1 L-Evoluzzjoni tal-Fond tal-Qgħad



Sors: Tabella 1, Tabella 2

3.4 Pożizzjoni finanzjarja: analiżi tan-nefqa u tad-dħul

It-Tabella 5 tipprovdi analiżi tan-nefqa u d-dħul skont l-istituzzjoni u għall-aġenziji kollha kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi. L-evoluzzjoni tal-kontribuzzjoni u tan-nefqa ta' kull istituzzjoni u tal-aġenziji tipprovdi stampa eteroġena.

Tabella 5 – Fond tal-Qgħad – Sitwazzjoni finanzjarja: Diżaggregazzjoni skont id-dħul u n-nefqa skont l-istituzzjoni (2019 – 2024)

Sema Deskrizzjoni ISTITUZZJONI	2019		2020		2021		2022		2023		2024	
	Nefqa	Dħul	Nefqa	Dħul	Nefqa	Dħul	Nefqa	Dħul	Nefqa	Dħul	Nefqa	Dħul
I. FEUR												
A. Kommissjoni Ewropea	8.544.434,65	7.025.650,91	11.547.627,30	7.432.478,53	9.346.706,86	7.858.031,35	8.702.641,50	9.018.656,32	10.255.700,72	9.997.880,14	9.694.483,31	11.243.162,55
B. Parlament Ewropew	10.381.757,85	4.078.688,97	13.103.965,00	4.219.155,81	6.611.995,94	4.562.936,06	4.603.428,72	5.152.392,51	4.394.502,66	5.669.264,25	13.273.920,10	6.023.438,74
C. Ombudsman Ewropew	2.342,39	40.137,47	27.676,00	40.680,65		42.182,04		44.033,53		51.339,24		51.376,19
D. Kunsill	433.433,95	259.888,53	633.694,72	329.439,25	260.627,61	399.645,25	388.568,60	503.255,48	318.184,92	594.381,74	521.764,21	639.370,40
E. Qorti ta' Giustizzja	538.879,80	1.164.182,86	715.432,19	1.353.574,43	474.925,99	1.410.517,40	580.097,27	1.538.819,87	661.192,84	1.629.614,07	702.833,43	1.743.068,17
F. Qorti ta' Awditi	231.389,25	301.432,53	170.210,46	311.363,01	126.278,79	346.794,55	294.105,82	369.832,01	523.696,85	430.993,09	526.868,94	455.400,68
G. Kumitat Ekonomiku u Soċjali	167.761,33	115.842,48	144.165,77	118.175,34	185.271,82	128.301,45	178.081,89	163.573,18	363.957,15	185.011,47	135.718,41	212.309,18
H. Kumitat ta-Reġjuni	147.100,22	126.921,93	154.643,19	151.801,78	137.650,43	152.707,32	170.960,98	170.374,11	104.687,35	201.251,01	102.442,89	231.434,98
I. SEAE	392.292,54	1.199.396,42	642.974,02	1.245.571,20	901.877,26	1.371.613,07	673.669,87	1.543.761,76	444.560,35	1.629.150,64	462.546,67	1.699.429,80
J. EDPS			74.972,80	25.463,38	60.955,58	37.579,91	3.690,13	58.290,56		58.113,30	71.515,76	64.377,73
K. Agenzji	4.439.496,25	15.201.144,99	4.823.548,02	16.296.954,60	5.369.063,39	18.354.906,94	4.346.523,13	21.236.119,81	4.639.281,94	23.556.705,08	5.435.988,12	26.393.505,95
Total	25.278.888,24	29.513.287,09	32.638.599,47	31.242.622,22	31.252.525,22	31.065.215,34	19.941.767,91	39.799.109,14	21.705.764,78	44.003.703,97	30.928.081,84	48.756.874,37
II. Bħala % tat-total												
A. Kommissjoni Ewropea	33,80%	23,81%	36,04%	23,58%	39,81%	22,67%	43,64%	22,66%	47,25%	22,72%	31,35%	23,06%
B. Parlament Ewropew	41,07%	13,82%	40,90%	13,38%	28,17%	13,16%	23,08%	12,95%	20,25%	12,88%	42,92%	12,35%
C. Ombudsman Ewropew	0,01%	0,14%	0,09%	0,13%		0,12%		0,11%		0,12%		0,11%
D. Kunsill	1,71%	0,88%	1,98%	1,05%	1,11%	1,15%	1,95%	1,26%	1,47%	1,35%	1,69%	1,31%
E. Qorti ta' Giustizzja	2,13%	3,94%	2,23%	4,29%	2,02%	4,07%	2,91%	3,87%	3,05%	3,70%	2,27%	3,58%
F. Qorti ta' Awditi	0,92%	1,02%	0,53%	0,99%	0,54%	1,00%	1,47%	0,93%	2,41%	0,98%	1,70%	0,93%
G. Kumitat Ekonomiku u Soċjali	0,66%	0,39%	0,45%	0,37%	0,79%	0,37%	0,89%	0,41%	1,68%	0,42%	0,44%	0,44%
H. Kumitat ta-Reġjuni	0,58%	0,43%	0,48%	0,48%	0,59%	0,44%	0,86%	0,43%	0,48%	0,46%	0,33%	0,47%
I. SEAE	1,55%	4,06%	2,01%	3,95%	3,84%	3,96%	3,38%	3,88%	2,05%	3,70%	1,50%	3,49%
J. EDPS			0,23%	0,08%	0,20%	0,11%	0,02%	0,15%		0,13%	0,23%	0,13%
K. Agenzji	17,56%	51,51%	15,06%	51,70%	22,87%	52,95%	21,80%	53,36%	21,37%	53,53%	17,58%	54,13%
Total	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%	100,00%

4. Analiżi tal-persuni assigurati, il-benefiċjarji u l-allowances imħallsa

Fatti ewlenin:

- 1) **L-għadd ta' kontributuri** f'Diċembru 2024 kien ta' **36 689**, żieda ta' 34 % meta mqabbel mal-2019.
- 2) **L-għadd ta' benefiċjarji** f'Diċembru 2024 kien ta' **754**, tnaqqis ta' 31 % meta mqabbel mal-2019.
- 3) **Il-proporzjon tal-qgħad aggregat** fl-Istituzzjonijiet u fl-Aġenziji kollha naqas matul il-perjodu minn 4 % għal 2 %.
- 4) **Id-durata tal-qgħad** żdiedet bi ftit għal medja ta' 8,8 xhur fl-2024 minn 8,5 xhur fl-2019.
- 5) **Distribuzzjoni ġeografika tal-benefiċjarji**: fl-2024, 51 % tal-benefiċjarji kienu fil-Belġju, b'27 % residenti fil-Lussemburgu, fl-Italja, fi Spanja u fi Franza.

4.1 Aspetti metodoloġiċi

Meta titqies il-popolazzjoni affettwata mill-iskema, il-popolazzjoni rreġistrata f'Diċembru ta' kull sena bħala membri jew benefiċjarji ġiet ikkunsidrata fl-analiżi fir-rapport preċedenti u f'dak kurrenti. Dan jipprovdi approċċ analitiku dirett.

4.2. Għadd ta' persuni assigurati

Meta jitqiesu l-membri tal-iskema fi tmiem is-sena, id-data turi żieda kontinwa fil-popolazzjoni matul l-aħħar snin. Matul il-perjodu ta' referenza, il-popolazzjoni tal-persunal temporanju żdiedet b'34 %, u laħqet 36 689 fi tmiem l-2024.

Tabella 6 – Għadd ta' membri tal-iskema tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad


ISTITUZZJONI	Sena	Sena	2019				2020				2021				2022				2023				2024				
	Tip	Tip	TA	CA	APA	TOTAL	TA	CA	APA	TOTAL	TA	CA	APA	TOTAL	TA	CA	APA	TOTAL	TA	CA	APA	TOTAL	TA	CA	APA	TOTAL	
	Grad	Grupp F																									
I. Kummissjoni Ewropea	AT	AC																									
	AD	IV	726	3.147		3.873	889	3.137		4.026	1.129	3.300		4.429	1.408	3.463		4.871	1.574	3.725		5.299	1.699	3.967		5.666	
	AST	III	320	1.447		1.767	397	1.464		1.861	509	1.407		1.916	691	1.389		2.080	747	1.374		2.121	826	1.487		2.313	
	AST-C	II	375	2.113		2.488	542	2.054		2.596	665	2.015		2.680	777	1.980		2.757	680	1.945		2.625	761	1.923		2.684	
	I		790			790				774				754				701				658				648	
Total	Total	1.421	7.497		8.918	1.828	7.429		9.257	2.303	7.476		9.779	2.876	7.533		10.409	3.001	7.702		10.703	3.286	8.025		11.311		
II. Istituzzjonijiet Oħra	AD	IV	430	315	413	1.158	522	329	478	1.329	533	362	478	1.373	576	399	489	1.464	642	447	99	1.188	718	369	468	1.555	
	AST	III	487	330	879	1.696	497	370	935	1.802	564	497	996	2.057	603	529	1.000	2.132	673	548	413	1.634	693	571	971	2.235	
	AST-C	II	27	159	425	611	42	172	418	632	57	187	411	655	57	203	424	684	35	190	991	1.216	43	149	441	633	
	I		953	114	1.067		939	115	1.054		1.037	124	1.161		1.032	108	1.140		1.010	556	1.566		1.076	101	1.177		
	Total	Total	944	1.757	1.831	4.532	1.061	1.810	1.946	4.817	1.154	2.083	2.009	5.246	1.236	2.163	2.021	5.420	1.350	2.195	2.059	5.604	1.454	2.165	1.981	5.600	
A. Parlament Ewropew	AD	IV	11	3		14	15	2		17	15	3		18	14	3		17	19	4		23	13	3		16	
	AST	III	12	2		14	11	2		13	10	2		12	9	1		10	9	3		12	9	2		11	
	AST-C	II	0	3		3	2	2		4	5	1		6	5	2		7	5	2		7	3	2		5	
	I		3			3	2			2	0			0				0				0		0		0	
